

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2022 – Meta Platforms Ireland vs EDPB**(Kawża T-682/22)**

(2023/C 7/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Meta Platforms Ireland Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: H.-G. Kamann, F. Louis, A. Vallery, avukati, P. Nolan, B. Johnston, C. Monaghan, D. Breathnach, Solicitors, D. McGrath, A. Fitzpatrick, I. McGrath, SC, u E. Egan McGrath, Barrister-at-Law)

Konvenut: Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla – fl-intier tagħha, jew sussidjarjament, fil-partijiet rilevanti tagħha – d-Deċiżjoni Vinkolanti 2/2022 tal-EDPB tat-28 ta' Lulju 2022, li ddeterminat li Meta Ireland kisret ċerti rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament 2016/679 (GDPR); u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-EDPB mar lil hinn mill-kompetenza tiegħu taħt l-Artikolu 65 GDPR.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser l-Artikolu 6(1)(f) GDPR billi interpreta u applika din id-dispożizzjoni b'mod żbaljat billi naqas milli jwettaq evalwazzjoni komparata, filwaqt li ma kkunsidrax l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-data u naqas milli jistabbilixxi interessi leġittimu.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser id-dritt għal amministrazzjoni tajba kif sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta billi injora d-dritt għal smiġħ ta' Meta Ireland u l-obbligi ta' EDPB li jwettaq evalwazzjoni kompreksiva, ekwa u impazjali u li jagħti raġunijiet adegwati.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-EDPB kiser l-Artikolu 83 GDPR u diversi prinċipji sottostanti li jirregolaw id-determinazzjoni ta' multi taħt il-GDPR.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2022 – CMT vs EUIPO – Camomilla (CAMOMILLA italia)**(Kawża T-694/22)**

(2023/C 7/55)

*Lingwa tar-riktors: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrent: CMT Compagnia manifatture tessili Srl (CMT Srl) (Napoli, l-Italja) (rappreżentanti: P. Marzano, G. Rubino u F. Cordova, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Camomilla Srl (Assago, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenjużha: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ĝeneralij